MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 42 bi tkomplja tal-Laqgħa 41

**Il-Ħamis 28 t'Ottubru, 2021**

Il-Laqgħa saret b'mod virtwali fl-4.00 ta' wara nofsinhar .

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 42.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri t'apologiji.

Is-Sindku talab lill-membri sabiex qabel ma jkompli bl-aġenda tal-laqgħa kellu xi korrispondenza li xtaq li jressaqha mal-membri qabel titkompla l-laqgħa.

Il-Membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

## 42.1.1 Korrispondenza

**42.1.1.1** Is-Sindku informa lill-membri li studenti mill-Fakulta' tad-Dentistrija xtaqu jiġu bid-Dental truck ġewwa Santa Venera sabiex ir-residenti jkunu jistghu jagħmlu check ups tas-snien. Dawn l-istudenti qed jitlobu sabiex jiġu nhar it-8 ta' Novembru 2021 bejn it-8:30am u 11:30am.

Wara diskussjoni, ġie deċiż sabiex dan it-truck ikun stazzjonat fi Triq il-Kbira San Guzepp fil-viċinanzi tal-Knisja Parrokkjali idealment fil-parkeġġ tal-Istitut ta' Apap.

**42.1.1.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ircieva korrispondenza mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali jirrikonoxxu l-isfidi li qed jiffaċċjaw il-Kunsilli Lokali biex jassiguraw kwalita' ta' ħajja l-istess lil kulħadd. Għaldaqstant, b'kontinwazzjoni mal-finanzjament varat fis-sena 2020, qed tiġi varata din l-iskema sabiex jgħin lill-Kunsilli Lokali jagħmlu dan aktar possibli għal-komunita' rispettiva tagħhom u jkunu f'pożizzjoni li jistgħu jipprovdu kundizzjonijiet ugwali għar-residenti tagħhom. F'dan ir-rigward is-Sindku ssuġġerixxa sabiex tinxtara vettura bit-tail lift dabiex il-kunsill jgħati servizz lill-anzjani. Huwa qal li din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża rikjesta skont il-marki allokati mill-Bord ta' Evalwazzjoni, kif stabbiliti fil-kriterji fiċ-ċirkulari. Kunsill Lokali ħa jkun jista' jibbenifika minn fond sa massimu ta' €85K.

Il-Membri qablu unanimament

**42.1.1.3** Is-Sindku informa lill-membri li minħabba l-fatt li s-Sur Svetlick Flores li laħaq CEO tal-Aġenzija LESA mhux ser ikun f'pożizzjoni li jaħdem aktar fuq it-tenders tal-Kunsill. F'dan ir-rigward il-kunsill sab persuna ohra li tista twettaq dan ix-xogħol, is-Sur Wayne Caruana fejn il-ħlas mitlub hu ta' €35 per hr l-istess rata li l-kunsill kien iħallas lis-Sur Flores.

Il-Membri qablu unanimament

## 42.2 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 42.2.4 Kuntratt: Major Patching u Xogholijiet fuq bankini

Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li l-Kuntratt attwali tal-Major Patching u xogholijiet fuq bankini skada u għaldaqstant huwa qed jipproponi li minkejja li llum l-asfaltar tat-toroq għadda taħt Infrastucture Malta huwa xorta jemmen li dan it-tender ghandu jinħareġ hekk sabiex jekk qatt xi darba jinqala' xi ħaġa b'urġenza f'xi triq partikulari l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jipproċedi bix-xogħolijiet.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimanet ma dak li ppropona is-Sindku

## 42.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kumitati jew sotto kumitati.

## 42.4 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa u approvati.

Skeda ta' pagament: Proponent: Is-Sur Joe Vella u Sekondant: Is-Sa Courtney Farrugia

## 42.5 Ilmenti

**42.5.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 791 sa 870.

| | |
|---|---|
| 791 | Enemalta |
| 792 | Ħaddiema Assenjati |
| 794 | Infrastructure Malta |
| 798 | Transport Malta |
| 805 | Works Order - B.Grima & Sons Ltd |
| 812 | Ma tistax issir |
| 813 | Jipprovdu l-permessi tal-PA |
| 820 | Contracts Manager |
| 833 | Ħaddiema Assenjati |
| 834 | Contracts Manager |
| 842 | Contracts Manager |
| 844 | MA tistax issir |
| 851 | Contracts Manager |
| 854 | Works Order - B.Grima & Sons Ltd |
| 855 | Ħaddiema Assenjati |
| 866 | Contracts Manager |
| 867<br>870 | Works Order - B.Grima & Sons Ltd<br>Transport Malta |

## 42.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fil-5:15pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Novembru 2021, fis-6.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv